MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Numru 923/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**ANDREW SPITERI**
**TANO GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Andrew Spiteri ta’ 24 sena mwieled il-Pieta’ nhar il-05 ta’ Settembru 1984, bin Joseph u Antoinette nee’ Fenech u residenti gewwa No. 1, Triq il-Brunzar, Santa Venera u detentur ta’ Karta ta’ l-identita Nru:- 447884(M) u Tano Galea ta’ 25 sena

mwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Novembru 1982, bin Gaetano u Philomena nee' Farrugia u residenti gewwa 'Liberty', No.45, Triq Regjonali, Santa Venera u detentur ta' Karta ta' l-Identita Nru:- 631082(M).

Billi gew akkuzati talli f'B'Kara nhar it-13 ta' Awissu 2008 ghall-habta tal-10.55pm minn gewwa Triq l-Akwadot, Fleur De Lys, B'Kara ikkomettew serq ta' set ta' numri tar-registrazzjoni bi numru EAW583 minn fuq vettura tal-ghamla Skoda, liema serq huwa ikkwalifikat, bil-hin u bix-xorti tal-haga misruqa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok NS5 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghhom l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati reghhu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat fil-konfront tal-imputati l-artikoli 261(f) u (g), 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Andrew Spiteri u Tano Galea, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija tillibera lill-istess imputati Andrew Spiteri u Tano Galea taht il-Provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok. SN1.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Andrew Spiteri u Tano Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------